| | | | Option 4. € 1040 | Inc VAT |
| | | | Option 5. € 1175 | Inc VAT |
| | | | | |
| 4 | Brady Abela | 33, Elba, Spiru Spiteri Str, Tarxien | € 628.70 per planter | Exc VAT |
| | Urban Tek | | | |
| | | | | |
| 5 | Roberta Schembri | 177, Nazju Ellul Str, Gzira | € 628 per planter | Inc VAT |
| | MQuip | | | |

KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

Is-Sindku Alexander Craus qal li l-perit tal-Kunsill Faye Caruana ssuggeriet li naghzlu lil Andrew Vassallo, peress li diga ordjajna planters bhalhom, dawk li hemm f'Misrah il-Parrocca, u rrizultaw li huma b'sahhithom.

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li l-kwotazzjoni tas-Sur Keith Shaw (Option 1) hija irhas u ssuggerixxa li naghzlu lilha.

Is-Sindku A Craus irrimarka li l-planters tas-Sur Keith Shaw huma mahduma lokalment u ghaldaqtant talab li nitolbu l-parir tal-Perit f'dan ir-rigward. Jekk ma taghmilx differenza, ippropona li naghzlu l-kwotazzjoni tas-Sur Keith Shaw peress li hija l-irhas offerta u l-ispecifications jaqblu ma dawk li tlabna ahna. Jekk le, ippropona li naghzlu l-kwotazzjoni tas-Sur Andrew Vassallo.

Il-Kumitat qabel.

**2. L-ghazla tal-kwotazzjoni Q 072/2011 - Bankijiet**

Intefghu sitt kwotazzjonijiet hekk kif gej:

| | Isem | Indirizz | Rata | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 1 | Emanuel Sacco | 106, Industrial Estate, Luqa. | € 740 per bench | Inc VAT |
| Co | Master Wood | | | |
| | | | | |
| 2 | Noe' Farrugia | "Shamrock", Misrah l-Indipendenza, Zejtun | € 545 per bench | Inc VAT |
| Co | Noel Farrugia | | | |
| | | | | |
| 3 | Ricky Caruana | 15, Triq il-Warda, Zurrieq | € 680 per bench | Inc VAT |
| Co | Hermes Ltd. | | | |
| | | | | |
| 4 | Mario Bugeja | Ave Maria, Zghawri Str, Munxar, Gozo | € 855 per bench | Inc VAT |
| | (Gozo Ltd.) | | | |
| | | | | |
| 5 | Roberta Schembri | 177, Nazju Ellul Str, Gzira | € 1411 per bench | Inc VAT |
| | MQuip | | | |
| | | | | |
| 6 | Keith Shaw | 80, Bernardette Str, San Gwann | € 967.60 | Inc VAT |
| | Outdoor Décor Ltd. | | | |

Is-Sur Alexander Craus qal li l-Perit tal-Kunsill Faye Caruana ssuggeriet li naghzlu l-kwotazzjoni tas-Sur Emanuel Sacco, peress li l-bankijiet li diga` hemm inhadmu mill-istess kuntrattur u ghaldaqstant, inzommu uniformita f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Antoine Borg talab li nitolbu lill-Perit taghtina r-rakkomandazzjonijiet taghha bil-miktub peress li din il-kwotazzjoni m'hijiex l-irhas wahda.

Il-Kumitat qabel.

Il-laqgha ntemmet fit-8.00 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Ezekuttiv**

RABAT

*KUNSILL LOKALI RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 06**
**Il-Kunsill iltaqa' nhar**
**It-Tnejn 21 ta' Frar 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Vici-Chairperson |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |

Is-Sindku Sandro Craus ippropona li jigi diskuss item 4 fuq l-agenda. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Grech.

4.00 **Diskussjoni dwar il-finanzi 2010**

Is-Sindku Sandro Craus talab sospensjoni tal-laqgha sabiex l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja jispjega l-finanzi tal-Kumitat Amministrattiv ghas-sena 2010, liema dokument jinsab anness ma' dawn il-minuti. Diskussjoni dwar il-finanzi 2010

Il-laqgha tkompliet fis-7.00 p.m.

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 05**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgha A05 jittiehdu bhala moqrija. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Paul Galea. Qari u approvazzjoni tal-minuti A05

2.00 **Korrezzjonijiet tal-Minuti A 05**

Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech innota li f'minuta nru 5.03 il-kelma 'Triq it-Tin' trid tinbidel ghal 'Triq ic-Canta'. Il-kumitat approva din il-korrezzjoni. Korrezzjonijiet tal-Minuti A05

2.01 Il-minuti gew approvati hekk kif emendati.


KUNSILL LOKALI RABAT
8, TRIQ L-ISPTAR, RABAT RBT 12, MALTA
Tel: (356) 21455000 Fax: (356) 21451945
e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

**3.00 Punti Mqajma**

3.01 Dwar minuta 4.00, is-Sindku Sandro Craus informa lill-membri tal-kumitat li hekk kif ikollna l-linji tat-triq approvati mill-MEPA, nkunu nistghu nipprocedu bix-xoghol biex tigi asfaltata Triq in-Namura. *Zviluppi fil-progett tal-Bahrija*

Is-Sur Anglu Portelli qal li kif Triq in-Namura titlesta, kull meta jkun hemm attivita` fil-Misrah, it-traffiku jkun jista' jigi ddevjat ghal go din it-triq.

3.02 Dwar minuta 5.01, is-Sindku Sandro Craus informa lill-membri li l-istima biex jigi rrangat id-dislivell li jezisti fil-bitha ta' l-iskola primarja telghat ghal €4946.56. Il-kumitat qabel li ghandna nitolbu lill-Kap ta' l-Iskola taghmel talba formali lill-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista` jressaq din it-talba ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. *Dislivell fil-bitha ta' l-iskola primarja*

3.03 Dwar minuta 5.03, is-Sur Paul Grech qal li m'hemmx bozoz approvati. *Approvazzjoni ta' bozoz godda*

3.04 Dwar minuta 5.04, is-Sur Paul Galea qal li avvicina lil xi nies dwar din il-proposta u qal li din l-inizzjattiva intlaqghet tajjeb. *Hill Climb*

Is-Sur Anglu Portelli qal li filwaqt li jaqbel li ssir il-Hill Climb, qal li wiehed irid joqghod attent li l-bdiewa li ghandhom l-ghelieqi f'din l-area ma jigux milquta hazin peress li ma jkunux jistghu jidhlu u johorgu mir-raba taghhom fil-hin li tkun ghaddejja l-hill climb, kif ukoll in-nies jistghu jaghmlu herba jekk jidhlu fl-ghelieqi.

Is-Sur Paul Galea qal li l-arrangament ma' l-organizzaturi ghandu jkun li dawn jieqfu kull nofs siegha sabiex il-bdiewa jinghataw cans jitilghu jew jinzlu fl-ghelieqi taghhom. Hu qal li attivita` ta' dan it-tip se tiggenera aktar kummerc fil-Bahrija. Huwa sahaq dwar l-importanza li jsir ftehim bil-miktub bil-quddiem ma' l-organizzaturi sabiex jigu stabbiliti certu regolamenti, kif ukoll ghandna nsibu l-ahjar xahar addattat. Importanti wkoll li jigi evitat l-istagun tal-kacca.

3.05 Dwar minuta 5.05, is-Sur Paul Grech ippropona li ghandna ssir Mistoqsija Parlamentari dwar il-*wind farm*. *Wind Farm*

3.06 Dwar minuta 5.06, is-Sur Paul Grech informa lill-membri li l-kuntrattur ghandu jcaqlaq dawn l-iskips aktar 'l gewwa minn fejn jinsabu bhallissa. *Skips*

**5.00 Affarijiet Ohra**

5.01 Is-Sur Paul Galea qal li t-truck li qed ibattal il-fossa tal-Bahrija qed isuq b'velocita` eccessiva anke fl-abitat. Il-kumitat qabel li ghandu jintbghat ilment lid-Dipartiment tad-Drenagg. *Truck li jbattal il-fossa*

5.02 Is-Sur Paul Galea talab sabiex il-kumitat ikun infurmat b'kull tender li jkun ser jaghlaq qabel ma jinhargu tenders godda. *Tigdid ta' kuntratti*

Is-Sur Paul Grech infurmah li z-zewg tenders li jaqghu taht il-Kumitat

Amministrattiv tal-Bahrija huma tal-latrina pubblika u tas-soft area ta' hdejn il-bandli.

5.03 Is-Sur George Attard qal li rridu noqghodu attenti kif ser jerga` jinhareg it-tender tas-soft area peress li hemm diskrepanza bejn l-ammont li l-Kunsill qed ihallas u x-xoghol li fil-fatt qed isir f'din is-soft area. Tender tas-soft area

5.04 Is-Sur Paul Grech ippropona li jitwahhlu tabelli dwar iz-zamma ta' l-indafa peress li kull weekend, in-nies li jitilqghu fil-kampanja qed ihallu herba shih warajhom. Hu ppropona li jitwahhlu 5 tabelli fil-Bahrija, 5 tabelli l-Imtahleb u zewg tabelli il-Kuncizzjoni. Il-kumitat qabel ma' din il-proposta. Tabelli dwar iz-zamma ta' l-indafa

**6.00 Aggornament**

6.01 Peress li l-agenda giet ezawrita, l-laqgha spiccat fit-7.50 p.m. Aggornament

6.02 Il-laqgha li jmiss tal-Kumitat Amministrattiv giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 30 ta' Marzu fil-5.30 p.m.

**Paul Grech**
**Chairperson**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Ezekuttiv**

Administrative Committee Bahrija

Management Accounts
for the period ended
31 December 2010

Table of Contents

| | Pages |
|---|---|
| Statement of Income and Expenditure | 1 |
| Notes to the Financial Statements | 2 - 3 |

## Statement of Income and Expenditure

| | Notes | 1st July 2010 - 31st December 2010 (6 months) |
|---|---|---|
| | | € |
| **Income** | | |
| Funds received from central government | 1 | **115,447** |
| **Expenditure** | | |
| Operations and Maintenance | 2 | **77,565** |
| Administrative and other Expenditure | 3 | **17,727** |
| | | **95,292** |
| **Surplus for the period** | | **20,155** |

# Notes to the Financial Statements
# For the period ended 31 December 2010

## 1. Funds Received from Central Government

| | 1st July 2010 - 31st December 2010 ( 6 months) € |
|---|---|
| In terms of Section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **105,447** |
| Other Government Income | **10,000** |
| | **115,447** |

## 2. Operations and Maintenance

| | 1st July 2010 - 31st December 2010 ( 6 months) € |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and street pavements | **39,576** |
| Street Signs | **38** |
| Sundry repairs | **984** |
| | **40,595** |

| | 1st July 2010 - 31st December 2010 ( 6 months) € |
|---|---|
| **Contractual Services:** | |
| Refuse collection | **19,311** |
| Road and street cleaning (mechanical and manual) | **230** |
| Cleaning and Maintenance of Non-Urban Roads | **15,060** |
| Cleaning and Maintenance of Public Conveniences | **1,411** |
| Cleaning and Maintenance of Parks and Gardens | **958** |
| | **36,970** |
| | **77,565** |

## 3. Administration and other expenditure

| | 1st July 2010 - 31st December 2010 ( 6 months) € |
|---|---|
| Equipment rental | 83 |
| Hire of transport | 4,193 |
| Library | 1,003 |
| Professional services | 1,173 |
| Legal services | 1,027 |
| Executive salary | 3,067 |
| Employees salaries | 7,181 |
| | 17,727 |

RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 07**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija iltaqa` nhar**
**L-Erbgħa 6 ta' April 2011 fil-5.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| ~~Is-Sur Sandro Craus~~ | ~~Sindku~~ |
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Vici-Chairperson |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 06**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgha A06 jittiehdu bhala moqrija. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Paul Galea. Il-minuti gew approvati. Qari u approvazzjoni tal-minuti A06

2.00 **Korrezzjonijiet tal-Minuti A 06**

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Korrezzjonijiet tal-Minuti A06

3.00 **Punti Mqajma**

3.01 Dwar minuta 3.02, id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill ressaq it-talba tal-Kap ta' l-Iskola tal-Bahrija lill-Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Ghada. Jidher li kien hemm nuqqas ta ftehim bejn il-Kap ta l-istess skola u l-FTS peress li fir-risposta taghhom qed jirringrazzjaw lill-Kunsill talli se jiffinanzja dan il-progett. Ghaldaqstant, il-Kumitat qabel li c-Chairperson is-Sur Paul Grech ghandu jkellem lil-Kap ta' l-Iskola biex jiccara s-sitwazzjoni. Dizlivell fil-bitha ta' l-iskola primarja


KUNSILL LOKALI RABAT
8, TRIQ L-ISPTAR, RABAT RBT 12, MALTA
Tel: (356) 21455000 Fax: (356) 21451945
e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

3.02 Dwar minuta 3.03, is-Sna. Joanne Farrugia Galea ghandha ticcekkja mar-residenti. — Approvazzjoni ta' bozoz godda

3.03 Dwar minuta 3.04, is-Sur Paul Galea saqsa x'sar fuq il-Hill Climb. Ic-Chairperson ghandu jiccekkja mas-Sindku Sandro Craus. — Hill Climb

3.04 Dwar minuta 3.05, il-Kumitat qabel li ghandna tigi fformolata mistoqsija parlamentari fuq dawn il-kriterji: — Wind Farm

F'hiex wasal l-Impact Assessment Report, li jinkludi l-livell ta storbu.
Jekk sarx studju fuq il-fauna u l-flora u l-art agrikola
Meta hemm il-hsieb li jigu implimentati

3.05 Dwar minuta 3.06, ic-Chairperson Paul Grech informa l-membri li l-iskips iccaqalqu aktar il-gewwa. Is-Sna. Joanne Farruga Galea qalet li xorta wahda qed jingema' l-iskart maghhom. — Skips

3.06 Dwar minuta 5.02, ic-Chairperson Paul Grech qal li dawn se jaghlqu fl-ahhar ta' Lulju ta' din is-sena. Is-Sna. Joanne Farrugia Galea talbet li jigu pprezentati t-tender documents tal-latrina pubblika u tas-soft area. Il-kumitat ippropona li minnflok jerga' johrog t-tender tas-soft area, ghandna nigbru kwotazzjonijiet. — Tigdid ta' kuntratti

3.07 Dwar minuta 5.04, ic-Chairperson Paul Grech qal li dawn it-tabelli ghadhom ma twahhlux. Is-Sna. Joanne Farrugia Galea qalet li filwaqt li taqbel li jitwahhlu dawn it-tabelli, pero' ma temminx fihom. Hi ta' l-opinjoni li ghandu jintbghat green warden fil-weekend biex jissorvelja l-area. Dan ghandu jintbghat il-Gimgha filghaxija minhabba l-Bachelor Parties u nhar ta' Hadd fix-Xitwa minn nofsinhar sal-5.00 p.m. — Tabelli dwar iz-zamma ta' l-indafa

**4.00 Laqgha mad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali**

4.01 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kumitat li d-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ser jiltaqa' maz-zewg kumitati amministrattivi nhar il-Hamis 7 ta' April 2011 fit-2.45 p.m. Is-Sur Paul Galea qal li ghanda nitkellmu dwar il-problema principali li ghandna, dik li apparti li l-area hija kbira, rurali u t-toroq bi hsarat kbar, il-fondi qed iservuna bl-ezatt. Ic-Chairperson qal li ghandna nsemmulu wkoll li mhux qed insibu koperazzjoni minn entitajiet pubblici, specjalment mil-Korporazzjoni Enemalta. — Laqgha mad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali

**5.00 Affarijiet Ohra**

5.01 Is-Sur George Attard qal li hemm xi bdiewa mill-area maghrufa bhala tar-Rub, li talbuh biex nipprovdulhom skip biex ikunu jistghu jarmu l-haxix fiha. Ic-Chairperson Paul Grech informah li ma nistghux naghmlu skip ghal haxix peress — Skip f'tar-Rub

li skip ghal dan it-tip ta' skart mhijiex inkluza fil-kuntratt ta' gbir ta' skart u skip tal-Kunsill ma tistghax titpogga f'art privata.

5.02 **Traffic Calming Measures fi Triq is-Sajf ta' San Martin**

Is-Sur Paul Galea qal li hemm bzonn li jsiru 'traffic calming measures' fi Triq is-Sajf ta' San Martin minhabba s-sewqan eccessiv li jinkludu zebra crossing u tabelli biex inzidu s-sigurta fit-triq. Ic-Chaiperson Paul Grech qal li diga` saret applikazzjoni mat-Transport Malta biex isiru zewg sleeping policeman u zebra crossing, izda s'issa ghadna ma rcevjniex risposta.

5.03 **Bozoz Godda fit-triq principali tal-Bahrija**

Is-Sur Paul Galea ppropona li ghandna napplikaw mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex tigi mdawwla t-triq principali tal-Bahrija, specjalment fil-kisra ta' Bieb ir-Ruwa u fil-kisra tal-Kuncizzjoni. u fi Triq is-Sajf ta' San Martin (Wied il-Żebbuġ)

Ic-Chaiperson Paul Grech qal li f'din it-triq diga` hemm erba` bozoz approvati mill-Enemalta sabiex isiru ma' arbli ezistenti. L-Enemalta mhux ser tohrog aktar permessi biex jitwahhlu aktar arbli minhabba l-ambjent. Biex isiru aktar bozoz, iridu jghaddu l-cables minn taht l-art u din tigi tiswa eluf kbar ta' ewro.

5.04 **Pjan ta' Hidma**

Is-Sna. Joanne Farrugia Galea qalet li l-kumitat ghandu jibda jahdem fuq il-pjan ta' hidma. Il-kumitat qabel li dan l-item ghandu jitpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

5.05 **Laqgha mal-Liason Officer tal-MEPA**

Is-Sna. Joanne Farrugia Galea talbet li ~~jkun hemm rappreżentant mill-kumitat~~ tkun preżenti waqt il-laqgha li ser issir mal-Liason Officer ta' bejn il-MEPA u l-Kunsilli Lokali, fejn ser jigi diskuss il-progett tal-Bahrija. Hija talbet ukoll biex jigu pprezentati l-istimi ta' Triq in-Namura u Triq ir-Rummien.

5.06 **Zbir ta sigar**

Is-Sur Paul Galea qal li hemm bzonn li jinzabru s-sigar li hemm mill-Fiddien lejn il-Bahrija.

5.07 **Problema ta' l-ilma tax-xita f'Wied Rini**

Is-Sna. Joanne Farrugia Galea ikkummentat dwar il-fatt li qed izomm hafna ilma fit-triq ta' Wied Rini. Hija sahqet li hemm il-konkos li qed izomm l-ilma u talbet biex jitnehha.

Ic-Chairperson Paul Grech informaha li l-Kunsill kien ghamel dan il-konkos proprju biex itaffi ftit mill-problema ta' l-ilma. Dan sar peress li ma nistghux inhaffru culvert peress li ghaddej cable tad-dawl taht il-hajt.. Hu ppropona li nibghatu lill-perit tal-Kunsill sabiex taghtina stima biex inzidu l-konkos.

5.08 **Riforma fit-trasport pubbliku**

Is-Sna. Joanne Farrugia Galea staqsiet jekk fir-riforma tat-trasport pubbliku hemmx inkluz li t-trasport pubbliku jibda jidhol fl-areas ta' madwar il-Bahrija. (*)

Is-Sur Paul Galea qal li fil-website tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni hemm l-iskeda, li tindika li t-trasport ser jibda jghaddi mit-triq il-principali tal-Bahrija u se jibda jidhol kull saghtejn.

5.09 **Applikazzjoni ta' l-**

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kumitat li harget call ta' l-Unjoni

(*) Hija ssuġġeriet li jiġi ikkunsidrat is-'shuttle services' għall-kumplament tal-outskirts li jaqgħu taħt il-KA[3] jekk kemm il-darba is-sistema l-ġdida tat-trasport pubbliku ma tkunx tkoprihom.

Ewropeja taht Measure 313 – ERDF fejn ser jigi propost li l-Kunsill japplika ghal dan il-fond billi jizviluppa l-area tal-Kuncizzjoni, fejn kienet inqatlet Silvia King. Is-Sna. Farrugia Galea, filwaqt li qalet li dan huwa progett sabih u tkun haga sabiha jekk nohduh, hija rrimarkat li l-Kumitat ghandu jigi mgharraf minn qabel ma jittiehdu d-decizjonijiet dwar progetti bhal dawn sabiex ikunu jistghu jaghtu l-idejat taghhom. Hija pproponiet li ghandha tissejjah laqgha b'urgenza kull meta johorgu calls li jkunu ta' interess ghall-kumitat. UE – Measure 313 ERDF

6.00 Ic-Chairperson Paul Grech informa lill-kumitat li c-Chairpersons tal-Kumitati Amministrattivi gew mistiedna li jattendu ghal-laqgha mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said nhar l-Erbgha 13 ta' April 2011. Laqgha mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said

**6.00 Aggornament**

6.01 Peress li l-agenda giet ezawrita, l-laqgha spiccat fis-7.00 p.m. Aggornament

6.02 Il-laqgha li jmiss tal-Kumitat Amministrattiv ser issir nhar l-Erbgha 20 ta' April fis-6.30 p.m.

**Paul Grech**
**Chairperson**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Ezekuttiv**

RABAT

*KUNSILL LOKALI RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 07**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa` nhar**
**Il-Gimgha 25 ta' Frar 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

1.00 **Approvazzjoni tal-Minuti A06**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 06 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti A06

2.00 **Korrezzjonijiet tal-Minuti A06**

2.01 Is-Sur Lino Pace Bonello nnota li l-minuta 4.01, il-paragrafu li jibda "Huwa kompla billi qal..." ghandha ssirilha din il-korrezzjoni fit-tielet sentenza billi tigi taqra: — Korrezzjoni tal-minuta 4.01

"Huwa se jipproponi wkoll li ghandha tintbghat ittra kongunta bejn il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv fejn nispjegaw lill-Ghaqda tar-Residenti tal-Virtu li minhabba l-fatt li l-Kunsill fiz-zmien li kellu johrog il-protest gudizzjarju kien minghajr Segretarju Ezekuttiv, ghalkemm kien hemm Matthew Dimech Segretarju Ezekuttiv tal-Imsida bhala Agent Segretarju, dan il-protest ma setax isir mill-Kunsill, pero` jaqbel bis-shih mieghu u qed jappoggjawh."

**3.00 Punti Mqajjma**

3.01 Ma kien hemm l-ebda punti mqajma mill-Kumitat Amministrattiv. Punti Mqajma

**4.00 Zviluppi dwar il-progett ta' bini ta' Skola gewwa s-Seminarju (PA 00498/10)**

4.01 Is-Sur Christopher Farrugia qara artiklu li deher fuq il-website ta' 'The Times of Malta' tal-lum 25 ta' Frar 2011 bit-titolu 'MEPA clears officials in Tal-Virtu extension case', fejn il-bord tal-MEPA qed jghid li l-case officer u t-team manager li kienu inkarigati minn din l-applikazzjoni gew mehlusa minn kull akkuza. Wara investigazzjoni li saret mill-istess bord, gie deciz li l-kaz gie konkluz b'mod sodisfacenti. Zviluppi dwar il-progett ta' bini ta' skola gewwa s-Seminarju

** Is-Sna. Stephania Gatt dahlet ghal-laqgha fis-7.15 p.m.

4.02 Is-Sur Lino Pace Bonello qara artiklu minn fuq il-gazzetta 'Lehen is-Sewwa' tas-26 ta' Frar 2011 bit-titolu 'Investiment fl-iskejjel primarji tal-Knisja'. Dan l-artiklu jitkellem dwar ir-riforma li qed issir fl-iskejjel tal-Knisja. Huwa sahaq li dan huwa l-pjan tal-Knisja fil-qasam skolastiku u jhoss li jkun ferm difficli li jmorru lura minnhu. Riforma fl-iskejjel tal-knisja

4.03 Is-Sur Christopher Farrugia rrimarka li kien hemm diversi nies li kitbu fil-gazzetti dwar din l-applikazzjoni, kemm fil-pozittiv kif ukoll fin-negattiv. Ittri lill-Editur

4.04 Is-Sna. Cecilia Bonello rrimarkat li r-residenti ta' l-akwati ta' Triq San Bastjan se jigu afettwati hazin peress li se jizdied it-traffiku. Triq San Bastjan

4.05 Is-Sur Christopher Farrugia qal li l-akbar problema hi li ma giex aderit l-*istructure plan* tan-*North West Local Plan*, fejn kull zvilupp li jsir f'Tal-Virtu` irid l-approvazzjoni tar-residenti. North West Local Plan

4.06 Is-Sur Lino Pace Bonello ssugerixxa li f'dan l-istadju jigi diskuss it-*traffic management*. Traffic Management

4.07 Is-Sna. Cecilia Bonello ssuggeriet li soluzzjoni wahda tista` tkun li, l-gate li hemm bhalissa tinghalaq u ssir gate ohra ghall-hrug.

4.08 Is-Sur Christopher Farrugia sahaq li ma tistax taghlaq il-gate peress li jrid ikun hemm emergency exit.

4.09 Is-Sna. Stephania Gatt qalet li f'dan l-istadju huwa ferm difficli li din l-applikazzjoni titwaqqaf u ghaldaqstant ghandna nikkoncentraw aktar fuq it-*traffic management*.

4.10 Is-Sna. Cecilia Bonello qalet li l-kumitat qed jirrapprezenta lir-residenti u ghaldaqstant irridu nenfasizzaw dwar ir-'Residential Priority Area'. Residential Priority Area

4.02 Il-Kumitat qabel li, qabel tittiehed decizjoni dwar kif ghandna nipprocedu fuq din il-kwistjoni, s-Sindku Sandro Craus ghandu jitkellem dwar tlett punti importanti waqt il-laqgha li ser ikollu mac-Chairman tal-MEPA, s-Sur Austin Walker; li huma: Laqgha mac-Chairman Austin Walker

a. Residential Priority Area
b. Traffic Management
c. Gholi tal-Bini

Is-Sindku Sandro Craus ghandu jirraporta lura lill-Kumitat dwar dak li jkun intqal fil-laqgha mas-Sur Austin Walker.

5.00 **Zviluppi fil-progett ta' access ghal tal-Virtu` (Memo 094/2010)**

5.01 Is-Sindku Sandro Craus informa l-membri prezenti li dan is-suggett qieghed fuq l-agenda tal-laqgha mac-Chairman tal-MEPA. Ghaldaqstant, il-Kumitat qabel li qabel niddeciedu kif se nipprocedu, ghandna nistennew *feedback* minghand is-Sindku Sandro Craus dwar dan is-suggett. Zvilupp fil-progett ta' access ghal tal-Virtu

6.00 **Affarijiet Ohra**

6.01 Is-Sna. Cecilia Bonello qalet li t-tabelli taz-zebra crossing u l-arbli ta' l-enemalta li jinsabu fi Triq Buskett Road biswit Villa Messina jinsabu f'nofs il-bankina u ghaldaqstant min ikun miexi b'pushchair jew siggu tar-roti jkollu jinzel il-bankina. Tabelli taz-zebra crossing u arbli ta' l-enemalta

6.02 Is-Sindku Sandro Craus heggeg lill-Kumitat sabiex japplika ghall-iskemi li jkunu qed johorgu minn zmien ghal zmien. Skemi ta' l-UE

6.03 Is-Sur Lino Pace Bonello informa lill-membri li hemm bzonn li jinzabru hames sigriet, isir qtugh ta' haxix u xoghol ta' patching fi Gnien il-Kbir. Il-Kumitat qabel. Xoghol ta' manutenzjoni fi Gnien il-Kbir

7.00 **Aggornament**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 1 ta' April 2011. Aggornament

7.02 Il-laqgha ntemmet fid-8.45 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 08**
* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ġimgħa 1 ta' April 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sna Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati:**

Is-Sur Christopher Farrugia
Is-Sna Cecilia Bonello

1.00 **Approvazzjoni tal-Minuti A07**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 07 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti A07

2.00 **Korrezzjonijiet tal-Minuti A07**

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni Korrezzjonijiet

3.00 **Punti Mqajjma**

3.01 Ma kien hemm l-ebda punti mqajma mill-Kumitat Amministrattiv. Punti Mqajma

4.00 **Diskussjoni dwar il-finanzi 2010**

4.01 Is-Sur Paul Bugeja, l-accountant tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-finanzi ghall-perjodu 1 ta' Lulju 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010, liema 'Management Accounts' Diskussjoni dwar il-finanzi 2010


8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

jinsabu annessi ma' dawn il-minuti.

**5.00 Laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

5.01 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri li d-Direttur tad-DLG talab li jiltaqa` mal-Kumitat Amministrattivi tal-Virtu u tal-Bahrija nhar il-Hamis 7 ta' April 2011 fit-2.45 p.m.

*Laqgħa mad-Direttur tad-DLG*

**6.00 Lista tar-residenti fil-konfini ta' Tal-Virtu`**

6.01 Ic-Chairperson, is-Sur Lino Pace Bonello ghamel ricerka dwar ir-residenti li huma eligibbli li jivvutaw fl-Elezzjoni tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu`. Huwa pprezenta pjanta tal-konfini li tinsab annessa ma' dawn il-minuti, fejn qed jindika erba zoni 'A', 'B', 'C' u 'D'. F'zona 'A' hemm residenti li huma eligibbli li jivvutaw u ohra li m'humiex. Filwaqt li f'zoni 'B' u 'D' hemm residenti li huma eligibbli li jivvutaw lill-KA minghajr ma' jaqghu fil-konfini tal-KA. Ghaldaqsant, il-Kumitat qabel li ghandna nressqu l-kaz lill-Kummissjoni Elettorali sabiex issir investigazzjoni dwar jekk ir-residenti li joqghodu fil-konfini tal-KA humiex eligibbli li jivvutaw, filwaqt li dawk li m'humiex, jigu eskluzi. Dan l-ezercizzju jghodd ukoll ghall-fini ta' manutenzjoni u nfiq ta' fondi f'dawn iz-zoni.

*Lista tar-residenti fil-konfini ta' Tal-Virtu*

**7.00 Zviluppi fil-progett ta' access ghal tal-Virtu (Memo 94/2010)**

7.01 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat lill-membri li s-Sindku talab biex jiltaqa` mal-liason officer ta' bejn il-Kunsilli Lokali u l-MEPA, sabiex jiddiskutu dan il-progett. Il-Profs. Grixti Soler talab ghal 'revised copy' ta' dan il-progett.

*Zviluppi fil-progett ta' access ghal tal-Virtu*

7.02 Is-Sur Lino Pace Bonello sahaq dwar l-importanza li dan il-process jithaffef, peress li l-Kumitat Amministrattiv huwa marbut li jlesti dan il-progett sat-30 ta' Novembru 2011.

**8.00 Affarijiet Ohra**

8.01 Il-Profs. Grixti Soler informa lill-Kumitat li l-MEPA harget permess biex isiru 120 appartament minnflok il-lukanda verdala u allura dan l-izvilupp irid jittiehed inkonsiderazzjoni meta ssir il-laqgha bejn il-Kunsill, it-Transport Malta u l-MEPA fejn ser jigi diskuss it-traffic management.

*Laqgha dwar it-traffic management*

8.02 Ic-Chairperson Pace Bonello talab li jkun hemm rapprezentat mill-Kumitat

Amministrattiv prezenti ghal-laqgha li ser issir bejn it-Transport Malta u l-MEPA fejn ser jigi diskuss it-traffic management.

8.03 Il-Profs. Grixti Soler gibed l-attenzjoni u pprovda ritratti, dwar l-istat ta' abbandun li tinsab fih Triq Godwin Ganado. Il-bankina tan-naha ta' l-ghelieqi trid titnaddaf u hemm bzonn li l-hajt jitranga minn sid l-ghalqa. Hu ppropona li l-'bush' tal-kappar jinqala` u jithawwel x'imkien iehor. Huwa tkellem ukoll dwar passagg li jaghti ghall-ghelieqi li inghalaq l-access tieghu b'xatba. Il-Kumitat qabel li ghandna naraw jekk dan setghax isir.

*Xoghol ta' manutenzjoni fi Triq Godwin Ganado*

8.04 Il-Profs. Grixti Soler qal li s-sigar li jinsabu mhawwlin fil-bankina ta' Triq Guzeppi Caruana huma tnejn tal-ficus u wahda taz-zebbug. Dawn ilhom imhawwwlin ghal aktar minn ghaxar snin u qed jaghmlu hafna hsara lill-bankina. Il-Kumitat qabel li ghandna nikkuntattjaw lill-MEPA sabiex naraw x'jista` jsir biex dawn is-sigar jinqalghu (ritratt provdut).

*Sigar fi Triq Guzeppi Caruana*

8.05 Il-Profs. Grixti Soler qal li hemm xi cangaturi nieqsa fuq il-bankina ta' Triq ~~Alessandro Cumi~~ Guzeppi Caruana u minnflokom hemm gebla li tinsab perikoluza peress li wiehed jista` jitfixkel fiha (ritratt provdut). Il-Kumitat qabel li din ghandha titranga.

*Xoghol ta' manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq ~~A. Cumi~~ G Caruana*

8.06 Il-Profs. Grixti Soler qal li hemm bzonn li 'manhole' tad-drenagg li tinsab fi Triq Pietru Caxaru titranga u tigi livell mat-triq peress li nizlet (ritratt provdut).

*Manutenzjoni fuq manhole fi Triq Pietru Caxaru*

8.07 Il-Profs. Grixti Soler qal li hemm tappiera nieqsa f'nofs it-triq fi Triq Godwin Ganado k/m Triq Francesco Azopardi (ritratt provdut).

*Tappiera nieqsa fi Triq G Ganado*

8.08 Is-Sur Lino Pace Bonello talab biex nergghu nikkuntattjaw lis-Sur Mangion tal-Palazz tal-Virtu`, peress li l-hajt li kien waqa` bil-maltemp ghandu f'nofs it-triq.

*Hajt imwaqqa f'tal-Virtu*

8.09 Il-Profs. Grixti Soler issuggerixxa li l-Kumitat ghandu jibda jahdem dwar il-possibbilita` li jibdew isiru 'walks' fil-widien tal-Virtu`.

*Mixjiet fil-widien*

9.00 **Aggornament**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 29 ta' April 2011.

*Aggornament*

7.02 Il-laqgha ntemmet fit-8.20 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**


TAL-VIRTU'
0.68 SQ KM
RABAT
Il-Nejda
N
A
B
C
D
0
50
100
metres

Administrative Committee Tal-Virtu'

Management Accounts
for the period ended
31 December 2010

Table of Contents


| | Pages |
|---|---|
| Statement of Income and Expenditure | 1 |
| Notes to the Financial Statements | 2 - 3 |

## Statement of Income and Expenditure

| | Notes | 1st July 2010 - 31st December 2010 ( 6 months) |
|---|---|---|
| | | € |
| **Income** | | |
| Funds received from central government | 1 | **37,942** |
| **Expenditure** | | |
| Operations and Maintenance | 2 | **17,948** |
| Administrative and other Expenditure | 3 | **3,794** |
| | | **21,742** |
| **Surplus for the period** | | **16,200** |

# Notes to the Financial Statements
# For the period ended 31 December 2010

## 1. Funds Received from Central Government

| | 1st July 2010 - 31st December 2010 ( 6 months) € |
|---|---|
| In terms of Section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | 27,942 |
| Other Government Income | 10,000 |
| | 37,942 |

## 2. Operations and Maintenance

| | 1st July 2010 - 31st December 2010 ( 6 months) € |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and street pavements | 120 |
| Street Signs | 124 |
| | 244 |

| | 1st July 2010 - 31st December 2010 ( 6 months) € |
|---|---|
| **Contractual Services:** | |
| Refuse collection | 13,351 |
| Road and street cleaning | 3,990 |
| Cleaning and Maintenance of Non-Urban Roads | 354 |
| Other contractual services | 9 |
| | 17,704 |
| | 17,948 |

## 3. Administration and other expenditure

| | 1st July 2010 - 31st December 2010 (6 months) € |
|---|---|
| Professional services | 1,020 |
| Community services | 35 |
| Executive salary | 813 |
| Employees' salaries | 1,926 |
| | 3,794 |